

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2009

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-twaqqif, is-setgħat, l-għamla numerika u l-mandat tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriżi Finanzjarja, Ekonomika u Soċjali

P7_TA(2009)0025

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar it-twaqqif, is-setgħat, l-għamla numerika u l-mandat tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriżi Finanzjarja, Ekonomika u Soċjali

(2010/C 230 E/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-17 ta' Settembru 2009 li tipproponi t-twaqqif ta' kumitat speċjali dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali li tiddefinixxi s-setgħat, l-għamla numerika u l-mandat tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li jwaqqaf kumitat speċjali għall-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali, li jkollu s-setgħat li ġejjin:

- a) janalizza u jevalwa l-livell tal-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali, l-impatt tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll l-istat tal-governanza dinjija, jipproponi miżuri adattati għall-bini mill-ġdid ta' swieq finanzjarji stabbli u sodi għal perjodu twil ta' żmien sabiex ikunu jistgħu jsostnu t-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-impjegi fil-livelli kollha, u sabiex jipprovdi evalwazzjoni tal-effett ta' dawn il-miżuri u l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni;
- b) janalizza u jevalwa l-implimentazzjoni attwali ta' leġislazzjoni tal-Komunità fl-oqsma kollha kkonċernati u l-koordinazzjoni tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw it-tkabbir kwalitattiv sostenibbli u l-investment għal perjodu twil ta' żmien, bil-għan li jiġi miġġieled il-qagħad u jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u klimatiċi, filwaqt li jkun irrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- c) għal dan il-għan, jistabbilixxi l-kuntatti meħtieġa u jorganizza seduti ta' smiġħ mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, mal-istituzzjonijiet u l-fora nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, mal-parlamenti u mal-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi, u mar-rappreżentanti tal-komunità xjentifika, tan-negozji u tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-kumitati permanenti;

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2009

2. Jiddeċiedi li, mingħajr ħsara għas-setgħat tal-kumitati permanenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mill-adozzjoni, mill-monitoraġġ u mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità rilevanti għal dan il-qasam, il-kumitat speċjali jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet rigward il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-kumitati permanenti;
 3. Jiddeċiedi li l-kumitat speċjali għandu jkun magħmul minn 45 membru;
 4. Iddeċiedi li t-tul tal-mandat tal-kumitat speċjali għandu jkun ta' 12-il xahar li jibda mit-8 ta' Ottubru 2009, liema perjodu jista' jiġi estiż; jiddeċiedi li l-kumitat speċjali għandu jippreżenta lill-Parlament rapport ta' nofs il-mandat u rapport aħħari, li għandhom ikun fihom rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri jew l-inizjattivi li għandhom jittieħdu.
-